# Il-waqt tal-imħadda

Jgħaddu l-ġrajjiet
Jingħalqu l-kotba,
Tibda r-riflessjoni
Tad-demm togħla l-pressjoni.

Jew jinfetaħ
Separju sabiħ,
Li jwassal fis-sema
Lil min stinka ħalli fih.

Tinżel fil-qalb
Ħlewwa tal-għaġeb,
Li tifdi lil min ħabb
U għad-deni biss ġid radd.

Dan waqt ħieni
Għal min kien twajjeb,
Għax seħħlu jiltaqa'
B'għemilu mal-wisq tajjeb.

Strieħ, se jorqod
U jistrieħ mal-lejl,
Għax xejn mhu ħa jtaqqlu
U fih paċi jibqagħlu.

Strieħ bis-sewwa
M'Alla għandek biex,
Int tassew qalbieni
Ħajtek għamlietek ħieni.

Tinkwetax jekk
F'did-dinja ma ssibx,
Postok mal-miġemgħa
Magħha l-ħażin jinħema.

L-aqwa li int
Bil-qabda onest,
Għax moħħok fl-imħabba
Issa strieħ fuq l-imħadda.

Patri Mario Attard OFM Cap
5 ta' Jannar 2025.

Ibierkek Alla li jista kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen